



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

10.12.2014

B8-0363/2014

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa skont l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet nazzjonali għall-ġlieda kontra l-vjolenza fl-istadiums

**Aldo Patriciello**

RE\1043770MT.doc

PE545.613v01-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**

**Mozzjoni għal rizzoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet nazzjonali għall-ġlieda kontra l-vjolenza fl-istadiums**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-każijiet ta' vjolenza fl-istadiums f'dawn l-aħħar snin tant saru fenomenu frekwenti u mifruż li tqiegħed fiċ-ċentru tal-attivitajiet ta' prevenzjoni u ta' trażżin min-naħa tal-entitajiet responsabbli fid-diversi Stati Membri;
- B. billi jeżistu osservatorji speċifiċi li jimmonitorjaw perjodikament kull każ ta' vjolenza sportiva u jieħdu ħsieb il-ġestjoni tal-partitarji permezz tal-mobilizzazzjoni tat-taqsimiet ta' aġenti tas-sigurtà pubblika u l-verifika tal-kundizzjonijiet tas-sigurtà u tar-rispett tar-regoli tal-impjanti sportivi;
- C. billi huwa fatt ormaj magħruf li tali vjolenza hija r-riżultat ta' grupp ta' persuni, spiss partitarji u persuni oħra li ma jkunux partitarji, li jiltaqgħu fi grupp u li, permezz tal-passjonijiet u l-interessi komuni tagħhom, jidher li huma kapaċi jagħmlu u jgħidu ħafna affarijiet li wisq probabbilment ma jkunux jistgħu jagħmlu waħedhom;
- D. billi l-psikanaliżi ddefinjiet tali gruppi ta' nies bħala "sistemi magħqudin flimkien permezz ta' firxa ta' aspetti li, b'mod sinerġistiku, iwasslu għal forom ta' mġiba li fihom l-individwu jkun subordinat għall-grupp, li mbaġħad juri tendenzi psikotiċi";
- E. billi l-Istati Membri jittrattaw tali fenomenu b'modi differenti, minħabba li l-każijiet ta' vjolenza jseħħu aktar jew anqas ta' spiss u b'akbar jew anqas qawwa skont in-natura tal-partitarji li jsegwu lit-tmijiet tagħhom madwar l-Ewropa kollha;
- 1. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta proposta għal regolament ġdid li jarmonizza l-liġijiet nazzjonali rigward il-vjolenza fl-istadiums, sabiex tiggarrantixxi regoli ċari u uniformi fl-Istati Membri kollha.